**KULLEĠĠ SAN NIKOLA**
**L-EŻAMIJIET TA' NOFS IS-SENA – LIVELL PRIMARJU**
**Frar 2016**

**Ir-Raba' Sena** **Il-MALTI** **Il-Ħin: Siegħa u Kwart**
**(Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba)**

L-isem u l-kunjom: ________________________ Il-Klassi: _________

| **Il-Fehim mill-Qari u l-Kitba** | |
|---|---|
| **Il-marki għat-taqsima** | **60 marka** |
| **Il-marki tal-istudent/a** | |



**Aqra sew dan li ġej:**

- Ikteb ismek, kunjomok u l-isem tal-klassi.
- Qabel tikteb it-tweġiba, ifhem sewwa l-mistoqsija.
- Jekk ma tkunx taf tagħti xi tweġiba, ħalliha vojta u kompli l-oħrajn, imbagħad erġa' ippruvaha fl-aħħar.
- Jekk tieħu żball, ingassah pulit u erġa' ikteb.
- Meta tlesti, irrevedi l-karta kollha mill-bidu biex tirranġa xi żbalji li jista' jkollok u timla dak li ħallejt barra.

**Il-FEHIM MILL-QARI**

**A. Aqra dan l-avviż.**

# Wirja tal-Qtates



L-Għaqda tal-Qtates f'Malta qed torganizza wirja tal-qtates għal dawk kollha li jixtiequ juru l-qattus tagħhom.

Meta: **il-Ħadd, 7 ta' Frar 2016**

Fejn: **Ċentru Sportiv tal-Kottonera**

Ħin tal-ftuħ: mid-**9:00** ta' filgħodu sal-**4:00** ta' waranofsinhar

In-nies li jkunu preżenti se jivvutaw għall-isbaħ tliet qtates.

Ir-rebbieħa se jingħataw medalja u vawċer għall-ikel tal-qtates.

## Dħul b'xejn!

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-avviż li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. Ikteb fil-kaxxa l-vojta jekk hux **Veru** jew **Falz**: (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | L-Għaqda tal-Klieb qed torganizza din il-wirja. | |
| b. | Id-dħul għall-wirja huwa b'xejn. | |

2. Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel ✓ fil-kaxxa tal-lemin. (2 marki)

| | | | |
|---|---|---|---|
| a. | Il-wirja se tibda | fit-tmienja ta' filgħodu. | |
| | | fid-disgħa ta' filgħodu. | |
| | | fl-għaxra ta' filgħodu. | |
| b. | Ir-rebbieħa se jingħataw | tazza u ċertifikat. | |
| | | tifkira u biljett tal-ajru. | |
| | | medalja u vawċer. | |

3. Lil min jinteressa dan l-avviż? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

4. Imla l-vojt bil-kliem it-tajjeb. (2 marki)

Din il-wirja tal- ________________ se ssir nhar il-Ħadd li ġej. Peress li t-temp jista' jkun ikrah, il-wirja se tkun ġewwa ċ-Ċentru ________________ tal-Kottonera.

5. Taħseb li r-rebbieħa se jieħdu gost bir-rigal? Għaliex? (2 marki)

_______________________________________________

_______________________________________________

**B. Aqra l-istorja.**

**Il-Ġifa tal-Ewwel t'April**

Kien wasal l-ewwel t'April! Miċa, qattusa sewda, xtaqet tagħmel ċajta fuq il-ħabiba tagħha Bianca li kienet tgħix ftit 'il bogħod minnha. Miċa bdiet taħseb x'ċajta tista' tagħmel u ftakret li Bianca kienet tibża' mis-sriep. (**paragrafu 1**)

Miċa marret u xtrat serp tal-plastik u rabtitu ma' ħajta rqiqa. Imbagħad, daħlet ġol-ġnien tad-dar fejn kienet toqgħod Bianca, poġġiet is-serp fuq il-ħaxix u marret tistaħba wara zokk ta' siġra. (**paragrafu 2**)



Hekk kif Bianca ħarġet fil-ġnien, Miċa bdiet tiġbed il-ħajta u tmexxi dan is-serp tal-plastik. Kemm għajtet dik il-povra qattusa bajda meta rat is-serp jiċċaqlaq fil-ġnien! Miċa ħarġet minn wara s-siġra tidħak kemm tiflaħ. Bianca ftakret li dakinhar kien l-ewwel t'April u ndunat li Miċa kienet għamlitilha ċajta. Bianca kienet kapaċi tieħu ċajta u bdiet tidħak hi wkoll. (**paragrafu 3**)

Wara li Miċa telqet mill-ġnien, Bianca bdiet taħseb kif hi wkoll tagħmel ċajta fuq il-ħabiba tagħha. Kienet taf li d-**delizzju** ta' Miċa kien li ddur barra fit-triq. Ftehmet ma' xi qtates oħra biex kollha jgħidu li semgħu xi ħaġa fuq l-aħbarijiet. Semgħu li ħarġet liġi li tgħid li l-qtates jistgħu jitħallew barra biss jekk jilbsu ċ-ċinga bħall-klieb. (**paragrafu 4**)



Il-qtates kollha, wieħed wieħed, bdew imorru ħdejn Miċa jistaqsuha x'taħseb dwar il-liġi l-ġdida. Miċa **tbaqbqet** mhux ftit meta semgħet lill-qtates kollha jgergru kontra l-liġi l-ġdida. Wara madwar nofs siegħa, il-qtates marru lura ħdejha u għajtu b'vuċi waħda, "Ġifa tal-ewwel t'April!" (**paragrafu 5**)

Miċa wkoll ħaditha ċ-ċajta, bdiet tidħak kemm tiflaħ u serrħet moħħha li setgħet tibqa' tiġri 'l hawn u 'l hemm kemm trid bla ċinga. (**paragrafu 6**)

***

**Wieġeb il-mistoqsijiet fuq l-istorja li qrajt. Ikteb Malti sabiħ u tajjeb.**

1. Aqta' sing taħt it-tweġiba t-tajba. (2 marki)

a. Din l-istorja ġrat fl-ewwel jum ( ta' Mejju, t'April, ta' Ġunju ).

b. Miċa kienet qattusa ( sewda, bajda, griża ).

2. Agħżel it-tajba billi tagħmel sinjal ✓ taħt **IVA** jew **LE**. (4 marki)

| | | IVA | LE |
|---|---|---|---|
| a. | Bianca kienet tibża' mis-sriep. | | |
| b. | Miċa staħbiet wara ċint. | | |
| ċ. | Bianca bdiet tibki. | | |
| d. | Iċ-ċajta fuq Miċa damet xi nofs siegħa. | | |

3. Xi xtaqet tagħmel Miċa fl-ewwel t'April? Lil min? (2 marki)

____________________________________________________

____________________________________________________

4. Fejn kienet toqgħod Bianca? (marka)

______________________________________________________

5. Semmi żewġ affarijiet li Miċa għamlet biex tipprepara għaċ-ċajta. (2 marki)

a) __________________________________________________

b) __________________________________________________

6. Taħseb li Bianca taf tieħu ċajta? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________________

______________________________________________________

7. X'kien id-delizzju ta' Miċa? (marka)

______________________________________________________

______________________________________________________

8. Bianca wkoll riedet tagħmel ċajta lil Miċa. X'kienet iċ-ċajta? (2 marki)

______________________________________________________

______________________________________________________

9. Kif taħseb li ħassitha Miċa wara ċ-ċajta? Għaliex? (2 marki)

______________________________________________________

______________________________________________________

10. Xi jfissru dawn il-kliem meħuda mill-istorja? (2 marki)

a) d-**delizzju** ta' Miċa (paragrafu 4) ____________________________

b) Miċa **tbaqbqet** mhux ftit (paragrafu 5) ________________________

## IL-KITBA

## A. IL-GRAMMATIKA (10 marki)

1. Aqra dawn is-sentenzi u wara wieġeb il-mistoqsijiet. (6 marki)
   L-ewwel waħda lesta.

| |
|---|
| Mikiel kien sejjer id-dar mill-iskola u għadda minn ħdejn ħanut tal-ħaxix. Ra l-kannestri bil-frott frisk maġenb il-bieb. Kien iħobb jiekol frotta kuljum u għalhekk daħal għand tal-ħanut u xtara tuffieħa ħamra. |

| | | |
|---|---|---|
| a. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom komuni.** | ***dar*** |
| b. | Mis-sentenzi sib u ikteb **aġġettiv.** | |
| ċ. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom proprju.** | |
| d. | Mis-sentenzi sib u ikteb **nom fil-femminil.** | |
| e. | Mis-sentenzi sib u ikteb **verb.** | |
| f. | Mis-sentenzi sib u ikteb i**l-kontra ta' ħareġ.** | |
| ġ. | Mis-sentenzi sib u ikteb **kelma li tfisser ħdejn.** | |

2. Imla l-vojt bil-kelma t-tajba. (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Ġanni jħobb jiekol biċċa ______________ biż-żejt. | ħobs / ħobż |
| b. | Xtrajt _____________ dwar l-ajruplani. | ktieb / ktiep |

3. Wieġeb (2 marki)

| | | |
|---|---|---|
| a. | Ikteb l-**imperattiv** ta' **ħasel**. | Jake, ____________ l-art għax maħmuġa! |
| b. | Daħħal l-**artiklu**. | Fil-Milied _____ nanniet xtrawli rigal sabiħ. |

**B. Il-Kitba ta' Informazzjoni Personali** **(3 marki)**

L-iskola qed tqassam rivista ġdida li jisimha L-Annimali Ħbieb Tagħna.
Imla l-formola t'hawn taħt biex inti tibda tirċievi din ir-rivista.

# L-ANNIMALI ĦBIEB TAGĦNA!



| | |
|---|---|
| **L-isem u l-kunjom** | |
| **L-indirizz** | |
| **In-numru tat-telefown** | |
| **Kemm għandek żmien** | |
| **L-annimal favorit tiegħek** | |
| **Skola li tattendi** | |

## Ċ. Il-Kitba ta' storja qasira

Agħżel WAĦDA minn dawn l-istejjer u ikteb madwar GĦAXAR SENTENZI fuqha.



**1. Ħarġa fil-kampanja**

Int u l-familja tiegħek mortu ħarġa fil-kampanja. Għid x'qgħadtu tagħmlu, x'ħadtu magħkom u x'kiltu. Dan il-kliem jista' jgħinek:

(ġurnata sabiħa, fil-kampanja, nilagħbu, nieklu, tajra, erfajna )

**JEW**



**2. Ġurnata d-dar**

Ommok kienet ma tiflaħx u int kellek toqgħod id-dar biex tieħu ħsiebha. Għid kif qattajt il-ġurnata, x'qgħadt tagħmel, x'ħassejt u min ġie jaraha.
Dan il-kliem jista' jgħinek:

(marida, tabib, nsajru, nixtrilha, naħslu l-platti)

**Ċ.1 Agħmel il-pjan tal-istorja li għażilt fl-ispazju t'hawn taħt.**

**Storja _______________ (Ikteb 1 jew 2)** **(2 marki)**

**L-istorja għandha tkun madwar GĦAXAR SENTENZI.** (15-il marka)

- Tmiem il-Karta -